MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 246/2003

**App Nru 246/03**

**Il-Pulizija**

**vs**

***… omissis …***
**Vanessa Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Caruana u Vanessa Mifsud:

1 Talli nhar l-20 ta’ Jannar 2003 f’ xi hin matul il-gurnata go Marsascala ikkomettew serq ta’ diversi oggetti minn go fond ‘Sanomar” fi Triq il-Qaliet, liema serq huwa

kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment ta’ Mario Ellul;

2 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ghaxar Liri Maltin (Lm10) izda mhux il-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-detriment ta’ l-istess Mario Ellul;

3 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement b’ kull mod li kien, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li kien, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

4 U aktar talli fl-20 ta’ Jannar 2003, f’ dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom id-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kinux b’ xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom id-droga imsemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghal uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Vanessa Mifsud wahedha:

5 U aktar talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra

6 U aktar talli kisret il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fl-24 ta' Settembru, 2001, b' liema sentenza kienet giet misjuba hatja ta' reat u liberata taht kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Mark Caruana u Vanessa Mifsud hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom hlief ghat-tielet akkuza li ghaliha ma sabithomx hatja u minnha lliberathom, u, filwaqt li kkundannat lil Mark Caruana ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ghall-hlas ta' multa ta' Lm200, ikkundannat lil Vanessa Mifsud ghal perijodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ordnat il-hrug ta' ordni ta' supervizjoni ghal zmien erba' snin u kkundannatha wkoll ghall-hlas ta' multa ta' Lm200.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat Mark Caruana skond l-akkuzi migjuba kontrih, ghajr it-tielet imputazzjoni, u infliggiet il-piena hemm imsemmija, kif ukoll billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputata appellata Vanessa Mifsud skond l-akkuzi kollha migjuba kontriha, ghajr it-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatha sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin, flimkien ma' multa ta' Lm200 u ordni ta' supervizjoni ghal erba' snin minnd akinhar, u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-avukat prosekutur u ta' l-avukat difensur;

Ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generali huwa limitat ghall-piena li nghatat lill-appellata Vanessa Mifsud. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni legalment zbaljata ta' l-artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li l-appellata ammettiet u nstabet hatja li hija recidiva u li kisret il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152, kien legalment jimpedixxi l-ewwel Qorti milli tapplika fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet imsemmija, u dan johrog car minn dak li hemm dispost fl-artikolu 28A(7)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali.

Minn ezami ta' l-atti tal-process jirrizulta li fid-9 ta' Dicembru 2003 l-appellata Vanessa Mifsud u Mark Caruana gew akkuzati bir-reati fuq elenkati. Wara li ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom u saret trattazzjoni dwar il-piena, inghatat is-sentenza li minnha jirrizulta li l-appellata Vanessa Mifsud giet ikkundannata ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tqieghdet taht supervizjoni skond l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali. Apparti dan giet ikkundannata thallas *multa* ta' Lm200.

Fost l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata kien hemm il-hames imputazzjoni, cioe` dik li saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi li saru definittivi, u s-sitt imputazzjoni li kisret il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-24 ta' Settembru 2001 fejn kienet liberata taht kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data ta' dik is-sentenza.

Il-ligi f'dan ir-rigward hija carissima u inekwivoka. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ordni li permezz taghha sentenza ta' prigunerija tigi sospiza "ma ghandux isir … (b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50; (c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin" (sottolinear tal-Qorti).

Kwantu ghall-hames imputazzjoni jidher mill-fedina penali ta' l-appellata li fit-8 ta' Gunju 1999 hija kienet instabet hatja ghal sewqan traskurat u giet ikkundannata ghall-hlas ta' *multa*, filwaqt li fit-23 ta' Frar 2000 kienet instabet hatja ghal serq aggravat bil-vjolenza u lok u dan fuq persuna li ghalqet 65 sena u kkundannata tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. M'hemmx dubju ghalhekk dwar l-applikabilita` ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali stante li r-reati li dwarhom ittiehdu l-proceduri odjerni sehhew fi zmien hames snin minn meta hija "skontat" il-piena. Fil-kaz ta' sentenza sospiza ta' prigunerija fil-fatt jitqies li persuna tkun "skontat" il-piena malli jiddekorri l-perijodu operattiv ta' dik is-sentenza minghajr naturalment ma tkun ingabet fis-sehh tali sentenza.

Kwantu ghas-sitt imputazzjoni, din tirreferi ghal sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Settembru 2001 fejn hija kienet instabet hatja ta' serq ta' madwar Lm5,600 mill-ufficcju ta' kumpanija Ballut Blocks Plant Ltd ghad-dannu ta' l-ahwa Vella, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz u valur, kif ukoll li volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm10 izda anqas minn Ln50 ghad-dannu ta' l-ahwa Vella. Ghal dawn ir-reati hija nghatat *conditional discharge* ghal perijodu ta' sentejn. Billi r-reati li dwarhom ittiehdu dawn il-proceduri sehhew fl-20 ta' Jannar 2003, il-perijodu tal-*conditional discharge* kien ghadu ma ddekorriex.

Minn dan jirrizulta evidenti li ghar-reati li sehhew fl-20 ta' Jannar 2003, l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza, filwaqt li dwar ir-reati li dwarhom l-appellata kienet inghatat il-*conditional discharge* kellha - u fil-fatt hekk ghamlet - tittratta ma' l-appellata bhallikieku kienet ghadha kemm instabet hatja ghal dawk ir-reati bl-applikazzjoni wkoll tal-provvedimenti ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali dwar il-konkors ta' reati u ta' pieni sabiex tinghata piena wahda. Jigi rilevat ghal kull bwon fini li meta Qorti tittratta mill-gdid ma' persuna ghal reat li dwaru kien inghata *probation* jew *conditional discharge*, huwa

projbit mil-ligi stess li jerga' jitqieghed taht *probation* jew jinghata *conditional discharge* dwar dak l-istess reat[1].

Waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, id-difensur ta' l-appellata talab li jinghata aditu ghal bosta konsiderazzjonijiet sabiex tinghata piena gusta. Dawn huma kollha konsiderazzjonijiet li fil-fatt l-ewwel Qorti diga` ghamlet meta giet biex tiddetermina t-tul tas-sentenza ta' prigunerija: li l-appellata (allura imputata) hija *single parent* b'zewgt itfal minuri ta' 4 snin u ta' 8 snin, li ghandha problema ta' droga li qed tipprova teghleb, li ammettiet fi stadju bikri u li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li l-appellata setghet tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101. Fil-fatt, dwar l-ahhar konsiderazzjoni, jirrizulta li fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2003 gie verbalizzat testwalment: "Il-Prosekuzzjoni tinforma lil Qorti illi l-imputata Vanessa Mifsud tista' tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta". Ovvjament il-beneficcju ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 jiswa <u>biss</u> in kwantu jirrigwarda r-raba' akkuza dedotta kontra taghha, cioe` dik ta' pussess mhux awtorizzat ta' kokaina, fejn il-piena preskritta mil-ligi hi ta' prigunerija ghal perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur izda mhux aktar minn tnax-il xahar jew ghal *multa* ta' mhux anqas minn mitejn liri Maltin izda mhux aktar minn elf liri Maltin jew ghal tali prigunerija u *multa* flimkien.

Din il-Qorti hija tal-fehma li meta jitqiesu l-fatturi kollha fuq imsemmija, il-fatt li r-reati huma reati serji u li l-appellata diga` nghatat opportunitajiet biex tbiddel ir-rotta u taqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni - opportunitajiet li sfortunatament sfaw fix-xejn -m'hemmx alternattiva ohra hlief li tinghata piena karcerarja. L-appellata fil-fatt trid tirrejalizza wkoll li ma tistax tibqa' tikser il-ligi b'impunita`. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti se tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn

[1] Art. 10(2) tal-Kap 152, illum art. 23(2) tal-Kap 446

iddikjarat u sabet htija fl-imputat Mark Caruana skond l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, ghajr it-tielet imputazzjoni, u infliggiet il-piena hemm imsemmija, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-appellata (allura imputata) Vanessa Mifsud skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha, ghajr it-tielet imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatha sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin flimkien ma' *multa* ta' Lm200 u Ordni ta' Supervizjoni ghal erba' snin minn dakinhar, u minflok, u wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 289 u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 9(1) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, ir-Reg. 8 tal-G.N. 292/1939 u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 (illum artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446) tikkundannaha ghal perijodu ta' sittax-il xahar u sebat ijiem prigunerija minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-appellata setghet ghamlet taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------